2) Trasportatur tal-ajru Komunitarju jista' jiddeduċi drittijiet mill-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Istati Uniti tal-Amerika, min-naħa l-oħra, fir-rigward ta' Stati Membri li ma jkunux dak fejn dan it-trasportatur ikollu l-istabbiliment prinċipali tiegħu?

3) L-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 847/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, dwar in-negozjati u l-implimentazzjoni tal-ftehimijiet dwar is-servizzi tal-ajru bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 8, p. 193) jipprekludi li jiġi rikjest, *inter alia*, li t-trasportatur tal-ajru Komunitarju li jkollu l-istabbiliment prinċipali tiegħu fi Stat Membru A jkun stazzjona fi Stat Membru B parti mill-flotta tiegħu, li tikkonsisti f'tal-inqas żewġ ajruplani [minn din il-flotta], sabiex jiġi evalwat jekk il-kriterju ta' stabbiliment previst fl-Artikolu 49 TFUE u żviluppat fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja huwiex issodisfatt?

---

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Oberster Gerichtshof (l-Awstrija) fil-21 ta' Settembru 2015 – R vs S u T

**(Kawża C-492/15)**

(2015/C 398/23)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Qorti tar-rinviju

Oberster Gerichtshof

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrent:* R

*Konvenuti:* S u T

### Domanda preliminari

L-Artikolu 35(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru°2201/2003 ([1]), tas-27 ta' Novembru 2003, dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri (Regolament Brussell IIa) jipprekludi sospensjoni, mill-qorti tal-appell, ta' proċeduri sabiex ma jkunx hemm rikonoxximent jew mibdija għall-finijiet ta' *exequatur*, rispettivament imsemmija fl-Artikolu 21(3), u fl-Artikoli 28 *et seq* tar-Regolament, meta talba għal modifika tad-deċiżjoni ta' kustodja mogħtija fl-Istat Membru ta' oriġini u li l-eżekuzzjoni tagħha hija mitluba titressaq fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni u meta l-Istat Membru ta' eżekuzzjoni jkollu ġurisdizzjoni internazzjonali għal din it-talba għal modifika?

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru°2201/2003, tas-27 ta' Novembru 2003, dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000, ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 243.

---

## Appell ippreżentat fil-25 ta' Settembru 2015 minn HIT Groep BV mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Is-Sitt Awla) fil-15 ta' Lulju 2015 fil-Kawża T-436/10, Hit Groep vs Il-Kummissjoni

**(Kawża C-514/15 P)**

(2015/C 398/24)

*Lingwa tal-kawża: l-Olandiż*

### Partijiet

*Appellanti:* HIT Groep BV (rappreżentanti: G. van der Wal u L. Parret, avukati)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

— tiddikjara fondati l-aggravji invokati mill-appellanti, tannulla s-sentenza appellata, (sussegwentement) tiddikjara fondat ir-rikors tal-appellanti ppreżentat fl-ewwel istanza kontra d-deċiżjoni kkontestata ([1]) u tannulla d-deċiżjoni kkontestata sa fejn tikkonċerna lill-appellanti, b'mod partikolari, il-punt 9(b) tal-Artikolu 1, il-punt 9 tal-Artikolu 2 u l-punt 22 tal-Artikolu 4, sussidjarjament, tannulla jew tnaqqas, skont kif tqis xieraq, l-ammont tal-multa imposta fuqha fil-punt 9 tal-Artikolu 2 tad-deċiżjoni kkontestata; jew minn tal-inqas tannulla s-sentenza appellata u tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex tagħti deċiżjoni mill-ġdid billi tieħu inkunsiderazzjoni s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja f'din il-kawża.

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż sostnuti mill-appellanti fl-ewwel istanza u fl-appell, inkluż l-ispejjeż marbuta mal-għajnuna legali tagħha.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

a) Fil-punti 174 sa 188 u 228 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet b'mod żbaljat, billi wettqet żball ta' liġi u billi ma mmotivatx b'mod suffiċjenti jew komprensibbli d-deċiżjoni tagħha, u bi ksur tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 296 TFUE, tal-Artikolu 41(2)(ċ) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ([2]) (iktar 'il quddiem il-"Karta"), tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003 ([3]), tal-Artikolu 7(1) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (iktar 'il quddiem il-"KEDB"), tal-Artikolu 49 tal-Karta u tal-prinċipji ġenerali tad-dritt, b'mod partikolari l-prinċipju ta' proporzjonalità, u kkonstatat fis-sentenza appellata li, għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-limitu massimu tal-multa imposta fuq l-appellanti skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003, il-Kummissjoni setgħet tibbaża ruħha fuq is-sena (kummerċjali) 2003 tal-appellanti u billi bbażat ruħha fuq din is-sena kummerċjali hija ma kisritx il-prinċipju ta' proporzjonalità, u b'mod żbaljat, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors tal-appellanti u kkundannata għall-ispejjeż.

b) Il-Qorti Ġenerali naqset b'mod żbaljat, billi wettqet żball ta' liġi u bi ksur tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 296 TFUE, tal-Artikoli 41(2)(ċ) u 49(3) tal-Karta u tal-prinċipji ġenerali tad-dritt, b'mod partikolari, tal-prinċipju ta' proporzjonalità, milli tiddeċiedi dwar il-proporzjonalità tal-multa li ġiet imposta fuq l-appellanti mill-Kummissjoni, sa fejn il-Qorti Ġenerali (minn tal-inqas) ma mmotivatx is-sentenza jew ma mmotivathiex b'mod suffiċjenti (jew komprensibbli), u b'mod żbaljat, ċaħdet ir-rikors tal-appellanti u kkundannata għall-ispejjeż.

Kuntrarjament għal dak li ddeċidiet il-Qorti Ġenerali, deroga mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003 (fil-kawża preżenti) ma hijiex permissibbli u tikkostitiwixxi żball ta' liġi. Tali deroga li tieħu bħala bażi s-sena kummerċjali 2003 minflok is-sena kummerċjali preċedenti (2009) għall-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, tmur kontra din id-dispożizzjoni u l-għan tagħha. It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003 huwa intiż li jipprekludi li tiġi imposta multa li teċċedi l-kapaċità finanzjarja tal-impriża fid-data li fiha l-Kummissjoni tiddikjara li hija responsabbli għall-ksur u timponilha sanzjoni pekunjarja. Din id-dispożizzjoni tikkostitwixxi garanzija tal-prinċipju ta' proporzjonalità, liema prinċipju ma jibqax iktar iggarantit jekk issir deroga mill-kontenut *ad litteram* tagħha.

Deroga minn din id-dispożizzjoni (mill-kontenut *ad litteram* tagħha) tikser ukoll (fil-kawża preżenti) l-Artikolu 7(1) KEDB u l-Artikolu 49 tal-Karta, kif ukoll il-prinċipju ta' proporzjonalità (prinċipju ta' legalità u prinċipju ta' *lex certa*).

Is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja, li fihom ġiet ammessa deroga mill-kontenut *ad litteram* tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003 (Britannia Alloys & Chemicals vs Il-Kummissjoni, C-76/06 P, EU:C:2007:326, u l.garantovaná vs Il-Kummissjoni, C-90/13 P, EU:C:2014:326) ingħataw (ferm) wara li seħħew il-fatti li taw lok għall-impożizzjoni ta' multa fuq l-appellanti. Għalhekk, l-applikazzjoni retroattiva ta' din il-ġurisprudenza tkun tikser l-Artikolu 7(1) KEDB u l-Artikolu 49 tal-Karta.

Fil-każ li deroga mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003 (tista') tkun legalment ammessa f'każijiet eċċezzjonali, din tkun teżiġi motivazzjoni fid-dettall, liema motivazzjoni hija nieqsa jew insuffiċjenti fis-sentenza appellata, u dan bi ksur tal-Artikolu 296 TFUE u tal-Artikolu 41(2)(ċ) tal-Karta.

Il-garanzija tal-prinċipju ta' proporzjonalità teżiġi (f'kull każ) li, fil-każ ta' deroga mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003, il-qorti tal-Unjoni tistħarreġ (sussegwentement) jekk il-multa tosservax l-għan ta' din id-dispożizzjoni u tal-prinċipju ta' proporzjonalità, aspett li l-Qorti Ġenerali (u l-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata) naqset milli twettaq, jew fi kwalunkwe każ, ma mmotivatx jew ma mmotivatx suffiċjentement.

(1) Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2010) 4387 finali, tat-30 ta' Ġunju 2010, dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/38.344 – Azzar għall-prestressing), emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2010) 6676 finali, tat-30 ta' Settembru 2010, u bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2011) 2269, finali, tal-4 ta' April 2011.

(2) ĠU 2000, C 364, p. 1.

(3) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003, tas-16 ta' Diċembru 2002, fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli [101 TFUE] u [102 TFUE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205).

---

## Appell ippreżentat fil-25 ta' Settembru 2015 minn AGC Glass Europe, AGC Automotive Europe, AGC France, AGC Flat Glass Italia Srl, AGC Glass UK Ltd, AGC Glass Germany GmbH mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tielet Awla) fil-15 ta' Lulju 2015 fil-Kawża T-465/12, AGC Glass Europe *et* vs Il-Kummissjoni Ewropea

**(Kawża C-517/15 P)**

(2015/C 398/25)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

### Partijiet

*Appellanti:* AGC Glass Europe, AGC Automotive Europe, AGC France, AGC Flat Glass Italia Srl, AGC Glass UK Ltd, AGC Glass Germany GmbH (rappreżentanti: L. Garzaniti, A. Burckett St Laurent, u F. Hoseinian, avukati)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet

— tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Lulju 2015 fil-Kawża T-465/12, AGC Glass Europe SA *et* vs Il-Kummissjoni Ewropea;